

# il-hajja ta' kristu gesu'

**IL-PARABBOLA TAL-QADDEJ LI MA HAFIRX.**

**Matt. 18:21 -35**



Jum wiehed Pietru staqsa lil Gesu: " Muelj kemm-il darba ghandi nahfer lil hija li johodha kontra tieghi u mbaghad jigi jitlobni mahfra? Nahfirlu seba' darbiet bizzejjed?" It-twegiba ta' Kristu kienet: "Mhux seba' darbiet biss, izda sebghin darba ghal seba' darbiet."

Imbaghad Gesu' qal din il-parabbola biex kull min sema' it-twegiba tieghu jifimha ahjar u sew.

Kien hemm re li kellu qaddej li kellu jaghtih lura somma flus kbira li darba kien silfu. Is-sultan sejjahlu u tablu li jrodd lura dak id-dejn, imma l-qaddej ma kellux minn fejn billi kien nefaq kollox.

Ir-re qallu: “La darba ma tistax thallas dejnek, jiena nikkmanda li inti u l-familja tieghek kollha tinbiegh u l-propjeta tieghek tittihidlek kollha biex niehu flusi lura.” Il-qaddej nizel gharkubtejh u talbu jiehu pacenzja. B’ghajnejh bid-dmugh wieghdu li jaghtih flusu lura sa l-inqas sold. “Sidi la taghmilx dak li ghidt li ser taghmel.” Ir-re gietu hniena minnu u tah il-kelma tieghu li ma h user jaghmel xejn minn dak li qal anzi hafirlu dejnu kollu.

Wara ftit li hareg minn quddiem ir-re, dan il-qaddej iltaqa’ ma’ qaddej li kellu jaghtih ftit tal-flus. Talbu li jhallas dejnu dak il-hin. Izda dan ma kellux minn fejn. L-ewwel qaddej sahan bis-shih, qabdu minn ghonqu u qallu: “Hallas dejnek issa jew inkella nixhtek fil-habs sakemm thallas dejnek kollu.”

Dan il-povru qaddej nizel gharkubtejh u talbu bil-hniena biex jiehu pacenzja u zgur li jaghtih sa l-inqas bicca flus. Imma dan il-qaddej tas-sultan ma ried jisma’ b’xejn u ghaliex ma hallasx dejnu fil-pront tefa’ lil siehbu fil-habs.

Qaddejja ohra tas-sultan raw dan kollu u ma felhux ghal din ix-xena ta’ qalb iebsa. Marru jirraportaw kollox lis-sultan.

Sahan ir-re ghal dan il-qaddej li ma stabarx. U baghat ghalih immedjatament. U qallu: “ Jiena hfirtlek dejnek kollu, ja qaddej hazin u inti ma tahfirx lil min kellu jaghtik ftit. Minhabba din l-ebusija tal-qalb tieghek ser nitfghek il-habs sakemm thallas dejnek kollu.”

Meta Kristu spicca din l-istorja qal: “Hekk jaghmel Missieri tas-Sema jekk intom ma tahfrux wiehed lil iehor.”

## RIFLESSJONI

Irrifletti kliem Kristu li ma hemmx mahfra ghal dawk li ma jahfrux. Serju huwa kliem Kristu meta nafu  li ahna bilfors irridu li Alla jahfrilna biex nidhlu fil-premju etern.

Meta tahfer trid tahfer bis-serjeta’. Mhux mahfra meta tghid nahfirlu izda ma ninshiex; nahfirlu, izda inzommha fil-komma ghal meta jigi ghaliha….. Ftakar li meta Alla jahfer jinsa totalment kollox. U bhalu irridu naghmlu.